**A.L. 22 tal-2010**

## ATT DWAR IL-KONTROLL TAT-TIPJIP TAT-TABAKK (KAP. 315)

### Regolamenti tal-2010 dwar il-Kontroll ta' Prodotti u Rekwiżiti għat-Tipjip li Jixbħu Sigarretti jew Tabakk

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, il-Ministru għall-Politika Soċjali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar il-Kontroll ta' Prodotti u Rekwiżiti għat-Tipjip li Jixbħu Sigarretti jew Tabakk. Titolu.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra: Tifsir.

"l-Att" tfisser Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk;

"tagħmir għat-tabakk" tinkludi kull prodott li jġib l-isem ta' sigarrett jew tabakk u li jkun maħsub biex jissostitwixxi prodott tat-tabakk jew rekwiżit għat-tipjip konvenzjonali u tinkludi kull tagħmir li ma jkunx fih nikotina, iżda jeskludi kull tagħmir li bih tiġi nġerita n-nikotina farmaċewtika.

**3.** Kull tagħmir għat-tabakk għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-Att u ta' kull regolament magħmul taħtu f'kull m'għandu x'jaqsam mar-reklamar u t-tipjip f'postijiet pubbliċi. Tagħmir għat-tabakk għandu jkun konformi mal-Att u mar-regolamenti.